Reply all | Delete Junk | •••

# Parroċċa: użu ta' vann u stedin Pontifikali

Fontana Parish <fontanaparish@gmail.com>
Wed 03/05, 08:36
Fontana Local Council at Fontana Local Council

Reply all |

Inbox

You forwarded this message on 04/05/2023 11:23

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għażiża Segretarja,

**1. Użu tas-servizz tal-vann**

qed nikteb din l-imejl biex nitlob lill-Kunsill Lokali joffrilna s-servizz tal-vann tiegħu biex inwasslu lil kull min jixtieq, speċjalment anzjani, il-Knisja Katidrali fiċ-Ċittadella, **nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju filgħaxija,** fl-okkażjoni tal-bidu tal-pellegrinaġġ taċ-ċentinarju u lura, wara li tintemm il-Quddiesa. Dwar ħin, nikkonfermalek iktar tard.

**2. Preżenza fil-Pontifikal f'jum il-festa**

Minħabba direttiva li ħarġet mill-Kurja t'Għawdex f'April li għadda illi minn din is-sena ma jinħarġux iktar stediniet formali lil entijiet politiċi (parlamentari u kunsilli lokali), jien kostrett li ma nibgħatx inviti uffiċjali. Dan ma jfissirx li ma tistgħux tattendu. Għalhekk hi xewqa kbira tiegħi li l-Kunsill ikun preżenti, anki jekk ma jkunx hemm postijiet riservati. F'dan ir-rigward, nissuġġerixxi li, jekk tkunu ser tiġu, taħsbu tiġu kmieni għall-pontifikal.

Grazzi ħafna tal-kollaborazzjoni.

--
**Kan. Simon Mario Cachia**
**Kappillan / *parish priest***
Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana / *Sacred Heart of Jesus Parish and Shrine*
196, Triq il-Għajn, Il-Fontana FNT9026, Gozo, Malta (EU)